**27 ta' April, 1993**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri LL.D.**

Raymond Sammut

*versus*

L-Onorevoli Prim Ministru ta' Malta *et*

**Kostituzzjoni – Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – Smigħ Xieraq – Tribunal Industrijali – Indipendenza – Imparzjalità – Avukat, Nuqqas ta' Assistenza ta'**

*Id-dispost li kien jeżisti fil-liġi li ma kienx jagħmilha permissibbli li parti quddiem it-Tribunal Industrijali ma jkunx assistit minn avukat per se ma jilledix id-dritt għal smigħ xieraq sa kemm ma jiġix ippruvat fil-każ konkret li kien hemm preġudizzju u żbilanċ fil-mod kif ikun ġie ppreżentat il-każ tal-parti.*

*Inoltre osservat li l-fatt li ċ-chairman tat-Tribunal Industrijali ma kellux "security of tenure" ma kienx iwassal għal sitwazzjoni fejn dak il-ġudikant ma jitqiesx indipendenti u imparzjali.*

1. Ir-rikorrent fit-13 ta' Ġunju, 1977, beda jaħdem mal-kumpanija parastatali *Mediterranean Oilfield Services Company Limited,* u fit-28 ta' Ottubru, 1987, ġie mkeċċi mill-istess impieg;

2. It-Tribunal Industrijali eżamina t-tkeċċija tiegħu, u fid-29 ta' Marzu, 1989, iddeċieda li t-tkeċċija kienet ġusta;

3. Ir-rikorrent espona illi dan it-Tribunal m'huwiex indipendenti u imparzjali kif għandu jkun, u għalhekk id-dritt fundamentali tiegħu li jiġi ġġudikat minn tribunal ta' dik ix-xorta, ġie vvjolat mentri huwa protett mill-artikoli 39(2) tal-Kostituzzjoni u 6(1)(3)(ċ) tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali;

4. Iċ-*Chairman* ta' dak it-Tribunal, kien Carmelo Debono waqt li membru ieħor kien Fonzu Caruana u dawn it-tnejn kienu impjegati ta' korpi parastatali;

5. Huwa ma ngħatax id-dritt li jkun assistit minn avukat tax-xelta tiegħu. Lanqas ma seta' jagħżel li jiġi assistit mir-rappreżentant tal-*General Workers' Union* billi din hija l-*Union* rikonoxxuta mill-kumpanija u Fonzu Caruana kien ex-Segretarju

tat-Taqsima tal-Port u Trasport ta' l-istess *Union,* u ħass li għalhekk il-*union* setgħet kienet ippreġudikata kontra tiegħu;

6. Fuq dawn il-fatti, ir-rikorrent jgħid illi:

"...Iċ-*Chairman* tat-Tribunal Industrijali seta' kien ippreġudikat, u dan in vista wkoll ta' l-element ta' ċerta solidarjetà u lealtà bejn iż-żewġ *managers* ta' żewġ kumpaniji parastatali. *Di più stante* li kumpanija parastatali hi kumpanija governettiva, ġie leż ukoll il-prinċipju kardinali ta' "*fair hearing*" ta' "*nemo judex in causa propria*" *stante* li kkreat sitwazzjoni fejn dan il-Gvern *(tramite* l-*employer* tiegħu) kellu jiddeċidi każ kontra tiegħu nnifsu";

7. In konklużjoni, ir-rikorrent talab lill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, biex tirrevoka u tikkanċella d-deċiżjoni mogħtija fid-29 ta' Marzu, 1989, u li tagħti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa għar-rimedju neċessarju;

8. (i) Il-Ministri ċċitati esponew illi:

(a) Il-Prim Ministru qiegħed fil-kawża għalxejn u għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju;

(b) Huma diġà ppreżentaw abbozz ta' liġi fil-Kamra tad-Deputati sabiex kull min jidher quddiem it-Tribunal ikun jista' jiġi assistit minn avukat ta' fiduċja tiegħu, però xorta waħda ma jidhrilhomx li dan in-nuqqas ivvjola d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent fil-każ preżenti;

(ċ) Inkwantu ir-rikorrent qed jillamenta illi huwa seta' jadixxi t-Tribunal biss, jekk il-Ministru tal-Politika Soċjali jagħtih

dan id-dritt, dan huwa lament ipotetiku, u l-intromissjoni tal-Ministru hija intiża biss, bħal stadju ta' medjazzjoni tad-Dipartiment, biex il-vertenza tiġi risoluta bonarjament, u meta din tfalli, il-kontroversja tintbagħat dejjem lit-Tribunal;

(d) L-oġġezzjoni fuq l-imparzjalità taċ-*Chairman* kellha tieħu l-form ta' rikuża. Din ma saritx però anke kieku saret, ma jidhirx għaliex hemm xi raġuni għall-allegata parzjalità;

(e) Ebda raġuni ma ġiet avvanzata mir-rikorrent, li turi li t-Tribunal m'huwiex indipendenti. M'hemm ebda neċessità ta' *"entrenchment"* kostituzzjonali biex jiġi garantit li t-Tribunal huwa indipendenti;

(ii) L-intimat Carmel Debono, *Chairman* tat-Tribunal, irrisponda illi l-funzjoni tiegħu hija li jinterpreta fedelment il-liġi, kif għamel ukoll fil-każ tar-rikorrenti;

(iii) Il-kumpanija intimata, finalment, issottomettiet illi t-talba tar-rikorrent hija frivoka u vessatorja. Difatti mill-inkartament relattiv għandu jirriżulta b'mod l-aktar ċar illi r-rikorrent għamel dak kollu li seta' jagħmel fit-trattazzjoni tal-każ, u għalhekk ebda lament fuq xi nuqqas ta' smigħ xieraq ma jista' reġonevolment jiġi avvanzat, u f'dan ir-rigward għandha ssir riferenza għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali ta' l-10 ta' Ġunju, 1966, *in re* Misrahi *vs* Cassar *et;*

Ir-rikorrent ma ta ebda raġuni plawsibbli għaliex it-Tribunal m'huwiex indipendenti. Il-kumpanija mhix korp parastatali imma hija entità kummerċjali u l-kwistjoni li kellha mar-rikorrent kienet waħda ta' natura ċivili u mhux penali. Għalhekk il-kumpanija mhix il-leġittima kontradittriċi tat-talbiet tar-rikorrent

li m'għandux fil-konfront tagħhom l-azzjoni li qed jipproponi f'din il-kawża;

9. Fit-2 ta' Ottubru, 1992, l-Onorabbli Qorti Ċivili Prim'Awla, iddeċidiet il-kawża, u ddisponiet mid-diversi punti ssollevati, kif sejjer jingħad:

(a) Fl-ewwel lok irriġettat l-eċċezzjoni ta' l-intimat Prim Ministru li huwa m'huwiex il-leġittimu kontradittur fil-kawża, billi qalet:

*Omissis;*

(b) Irriġettat ukoll il-pretensjoni tar-rikorrent li huwa kellu d-dritt li jkollu l-assistenza ta' avukat li jagħżel huwa, billi rriteniet illi:

*Omissis;*

10. Ir-rikorrent appella għaliex l-ewwel Qorti: (a) għamlet apprezzament ħażin tal-fatti u tal-provi, billi huwa inutli li jsir eżami tal-proċediment quddiem it-Tribunal. Dak li sar, kien isir mod ieħor kieku l-appellant kellu l-assistenza ta' avukat;

(b) ma apprezzatx il-kontenzjoni ta' l-appellant li huwa qed jattakka t-Tribunal għaliex dan, mill-kostituzzjoni tiegħu stess, m'huwiex indipendenti. M'huwiex qed jgħid li fil-każ tiegħu partikolari ma kienx indipendenti, iżda, li minnu nnifsu kif ikkostitwit m'huwiex indipendenti. Il-ġudikanti tat-Tribunal m'għandhomx *"security of tenure"* u għalhekk m'humiex indipendenti mill-poter esekuttiv ta' l-Istat;

(ċ) fl-aħħarnett illi l-membri li jikkostitwixxu t-Tribunal ma kinux imparzjali;

11. Il-proċediment quddiem it-Tribunal Industrijali li ħa parti fih ir-rikorrenti, kien wieħed li fit-termini tal-Kostituzzjoni art. 39(2) jappartjeni għal dik il-kategorija li hija:

"... dwar l-eżistenza jew l-estenzjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili...";

waqt li fil-Konvenzjoni – art. 6(1) jingħad li huwa wieħed li għandu x'jaqsam ma'...;

"... *the determination of his civil rights and obligations...*";

Kemm il-Kostituzzjoni kif ukoll il-Konvenzjoni jistabbilixxu d-dritt fundamentali illi kull min ikun akkużat b'reat kriminali...;

"għandu jitħalla jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' rappreżentant legali...";

Kif jgħid l-art. 39(6)(ċ) tal-Kostituzzjoni, u din id-distinzjoni bejn proċedura kriminali u ċivili ġiet interpretata bħala "*ubi lex voluit dixit*" biex teskludi l-istess dritt ta' rappresentanza f'kawżi ta' natura ċivili; anke għaliex il-Konvenzjoni wkoll tgħid: art. c(2)(ċ):

"*everyone charged with a criminal offence has the following minimum rights:...Omissis...to defend himself in person or through legal assistance of his own choosing...*";

B'danakollu din il-Qorti taħseb illi dan id-dritt ta' assistenza

minn persuna kkwalifikata fil-liġijiet, fil-kawżi ċivili, għalkemm m'huwiex espressament u pożittivament rikonoxxut, huwa però almenu kkwalifikat mill-kundizzjoni, illi fil-proċeduri ċivili l-partijiet in kawża, iridu jiġu akkordati l-istess mezzi proċedurali biex isostnu d-drittijiet tagħhom, u kompatibbilment ma' dik li huma l-prinċipji tal-ġustizzja proċedurali, jiġu ttrattati l-istess;

Fil-każ preżenti, ***in concreto*** l-Qorti ta' l-ewwel grad għamlet eżerċizzju minuzzjuż tal-proċediment quddiem it-Tribunal u waslet għall-konklużjoni li dawn il-kwalifiki ġew irrispettati, billi huwa risaput illi skond l-art. 31(2) Kap. 266 – kif kien fiż-żmien li sar il-proċediment – ma kienx permess għall-ebda parti in kawża li tkun assistita minn avukat jew prokuratur legali. Din l-esklużjoni, fl-1989, ġiet abrogata u għalhekk illum id-dritt ta' rappreżentanzi minn persuna bi kwalifiki legali, huwa rikonoxxut f'kull parti tal-leġislazzjoni tagħna;

Għalhekk l-aggravju tar-rikorrent fuq dan il-punt ma jistax jiġi milqugħ, għaliex id-dritt minnu vantat *in abstracto* ma huwiex rikonoxxut bħala fundamentali u *in concreto* il-prinċipji tal-ġustizzja proċedurali ma ġewx ivvjolati mit-Tribunal;

12. Ir-rikorrent jillamenta illi t-Tribunal Industrijali li ttratta l-każ tiegħu ma kienx indipendenti, kontra dak li jgħid l-art. 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-art. 6(1) tal-Konvenzjoni;

It-Tribunal Industrijali, fil-każ ta' l-appellant kien kompost minn "*Chairman*" waħdu, skond l-art. 26(3) Kap. 266. Dan kien l-intimat Carmel Debono;

Il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni ta' l-appellant, illi l-

indipendenza tat-Tribunal tiddependi mis-"*security of tenure*" tal-ġudikant. Dan huwa fattur li jrid jiġi kkonsiderat fil-każijiet kongruwi, per eżempju, meta waħda mill-partijiet tkun l-istess awtorità li għandha s-setgħa li tinnomina jew tneħħi lill-ġudikant, però, ċertament fil-każ preżenti, dan m'huwiex fattur deċiżiv, kif jippretendi l-appellant. Carmel Debono b'ebda mod ma ġie ppruvat li kien f'sitwazzjoni jew setgħa b'xi mod, jirċievi istruzzjonijiet jew, anke jekk ma jirċevihomx, kien jista' eventwalment jbati konsegwenzi, jekk indirettament ma josservax xi istruzzjoni li seta' jkun jaf biha. Dawn huma l-elementi li jridu jiġu eżaminati fil-kuntest ta' indipendenza ta' tribunal – kif għamlet il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet Umani fil-każ ta' Sramek *vs* Awstrija fit-22 ta' Ottubru, 1984. Provi konkreti, jew almenu serjament induttivi, iridu jsiru fuq dawn l-elementi biex jiġi stabbilit jekk tribunal huwiex indipendenti jew le, kif jidher li l-istess Qorti Ewropeja stabbilit fil-każ ta' Etti u oħrajn *vs* Awstrija tat-23 ta' April, 1987, fejn anke skrivani tas-servizz ċivili ġew aċċettati bħala "indipendenti" f'każijiet fejn il-liġi li tinnominhom jew twasslilhom direttivi jew istruzzjonijiet;

Fil-każ preżenti – ebda prova rilevanti għal dan il-punt ma saret mill-appellant, billi huwa strah fuq osservazzjonijiet akkademiċi jew astratti u għalhekk anke din l-allegata vjolazzjoni ma tirriżultax li hija ammissibbli;

13. L-istess difett għandha l-aħħar allegazzjoni ta' l-appellant. Kif osservat tajjeb is-sentenza appellata, ir-rikorrent stess fl-ittra tiegħu ta' l-20 ta' Marzu, 1980, esibita fil-proċess, qal illi Carmel Debono:

"... jistħoqqlu kull tifħir **għall-imparzjalità** fil-qadi ta' dmirijietu", u għalhekk huwa inutili li issa, wara dikjarazzjoni

bħal dik, jippretendi li jkollu pronunzjament ta' vjolazzjoni tad-dritt tiegħu li jiġi ġġudikat minn tribunal imparzjali, wara li huwa stess asserixxa l-kuntrarju. Il-kawżi huma dejjem saldament ankrati mal-konkretezza tal-fatti tal-ħajja billi huma dawn li jridu jekk jista' jkun dejjem, u kullimkien, ikunu ggvernati mill-ġustizzja li għaliha janela mingħajr serħan l-ispirtu tal-bniedem;

Għal dawn ir-raġunijiet is-sentenza appellata hija kkonfermata u l-appell tar-rikorrent miċħud.

Spejjeż għall-appellant.